MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru. 744/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**SPETTUR RODERICK ZAMMIT**

**VS**

**ALAN CACHIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alan Cachia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 24174M.

**Akkuzat talli:**

Fi Frar 2014 u fix-xhur u snin ta` qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, minn gewwa r-residenza tieghu gewwa 10/11, Triq Santa Marija, Zebbug, ikkommetta

serq ta` elettriku ghad-dannu tal-korporazzjoni **Enemalta**, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbez il-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€232.94) izda mhux l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u tnejn u tletin centezmu tal-ewro (€2,329.32);

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, ikkorrompa ufficjal jew impjegat pubbliku, liema ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta` xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta` xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, dan l-istess ufficjal jew impjegat fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

Huwa akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu ikkorrompa jew kien komplici ma` ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien komplici ma` impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema mpjegat sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta` stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-ligi;

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu ikkorrompa u kien komplici ma` ufficjal jew impjegat pubbliku, liema ufficjal jew impjegat ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta` xi persuna jew entita` ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta` kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 42, 112, 115, 127, 261, 263, 267 kif ukoll l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, tikkunsidra l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda' alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati, temmen illi piena karcerarja effettiva m'huwiex il-kaz. Ghaldaqstant, a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti waqt illi tordna li l-imputat jigi mprigunat ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sentejn (2), qieghda tordna li dan il-perjodu ma jigix esegwit jekk fi zmien sentejn (2) mill-lum l-akkuzat ma jigix akkuzat b'reat iehor li jgib mieghu piena ta' prigunerija u dan ghal perjodu ta' sentejn (2) mill-lum.

Pero a tenur tal-artikolu H tat-28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti qeghda tornda li l-imputat ihallas fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza l-ammont ta' erba` mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro (€429.47) kif *del resto* mahdum mill-istima tal-istess **Enemalta**, u kif ukoll qed tinfingi piena necessarja skond l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ta' interdizzjoni generali perpetwa fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------